## PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT

Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 21.09.08, Il-ĦAMSA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.**
**IS-SIBT, 27.09.08:** Illum se ssir l-Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati. Dan ix-xahar se ssir fil-parroċċa tal-Munxar u tibda fis-7.00p.m.
**IL-ĦADD, 28.09.08: IS-SITTA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.**

### ĦINIJIET TA' L-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Mill-1 ta' Ottubru l-ħinijiet ta' l-Uffiċċju Parrokkjali se jkunu hekk:
**Fil-għodu:** nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa.
**Ħin:** mit-8.00a.m. sal-10.00a.m.
**Wara nofs inhar** : nhar ta' Tnejn, it-Tlieta, l-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa.
**Ħin :** mit-3.30p.m. sal-5.30p.m.
**Telefon ta' l-Uffiċċju** : 2155 1435
**Email** : sannatparish@keyworld.net
**NOTA** :

- F'dawn il-ħinijiet l-Uffiċċju jista jkun magħluq minħabba xi urġenza pastorali jew xi laqgħa tas-saċerdoti.
- Il-quddies jiġi bbukkjat fl-Uffiċċju Parrokkjali biex ma' jkunx hemm nuqqas ta' qbil dwar dati tal-quddies ecc.
- Ħlief għal xi urġenza partikulari, wieħed għandu jinqeda għal dak kollu li jkun jeħtieġ mill-Uffiċċju, fil-ħin ta' l-Uffiċċju.

### SEMINAR TAL-KAPPILLANI

Nhar it-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis ta' din il-Ġimgħa l-Kappillani kollha ta' Għawdex flimkien ma' Mons. Isqof se jkun mpenjati f'Seminar biex jiġi ppjanat l-Pajn ta' ħidma Pastorali għas-sena 2008 – 2009.
Għalhekk tkun ħaġa xierqa li wieħed jakkompanja lill-Kappillani f'din il-ħidma billi jitlob lil Alla biex idawwal din il-ħidma qaddisa.

### FTUĦ TAL-UFFIĊĊJU MISSJUNARJU

Nhar il-Ġimgħa 26 ta' Settembru se jsir il-ftuh uffiċċjali tal-Uffiċċju l-ġdid tal-Missjoni f'Għawdex li qiegħed fi Triq l-Imgħallem, Victoria.

### TALBA GĦALL-MISSJONI

Ma' dan il-Bullettin qegħdin inqassmulkom wkoll Talba għall-Missjoni Djoċesana biex tingħad fil-familji. Din it-talb tkun qed tħejji l-familja biex meta jkunu se jsiru l-visti fil-familji qalbna tkun diġa mħejjija biex tilqa' ll-kelma ta' Alla.

### NIRRINGRAZZJA

Nixtieq nirringrazzja mill-qalb lil dawk kollha li ħadu sehem f'din il-Ġimgħa ta' Spiritwalita' u speċjalment lil dawk li għenu fl-organizzazzjoni tagħha.
**Nota:** Dawk li jixtiequ jagħmlu l-offerta tagħhom għall-ħtiġijiet tal-MUSEUM, jistgħu jgħaddu l-envelope li rċevew id-dar lil xi saċerdot tal-parroċċa jew fl-uffiċċju parrokkjali.

### LAQGĦAT TA' FORMAZZJONI

L-ewwel laqgħa ta' formazzjoni għal dawk li offrew li jkunu missjunarji fil-Missjoni Djoċesana se tkun fuq bażi Djoċesana nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Ottubru fis-Santwarju Ta' Pinu. U fl-24 ta' Ottubru issir l-ewwel laqgħa fil-parroċċi.